MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2010

Rikors Numru. 6/2004/1

**Victoria Grech u b'digriet tat-13 (tlettax) ta' Settembru 2004 l'atti jghaddu fuq Frans, Charles, Mary Borg, Ludgarda sive Luchie Johnson, Joyce Grech,**
**Therese u Rita ahwa Grech biex jissoktaw il-kawza bhala**
**atturi minflok ommhom Victoria Grech li mietet fil-25 ta' Awissu 2004**

**vs**

**Angelo Vassallo**

Il-Bord,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti, wara li ppremettiet:-

L-esponenti tikri lill-intimat il-fond Tessie, Triq il-Palma, Paola, bil-kera ta' mija u sitta u tletin lira (Lm136) fis-sena, pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem, l-ewwel skadenza fil-15 ta' Marzu 2004.

L-esponent ghandha dritt ghar-ripresa tal-pussess tal-fond ghar-raguni ta' 'non-uso' billi l-intimat ilu zmien ma jabitax aktar fil-fond, kif ukoll ghaliex huwa illegalment ceda jew issolloka l-fond lil ibnu.

Ghalhekk l-esponent talbet bir-rispett li dan il-Bord jawtorizzha li ma ggeddidx il-kirja tal-imsemmi fond f'gheluq l-iskadenza korrenti fil-15 ta' Marzu 2004 u li tirriprendi pussess tal-istess fond Tessie, Triq il-Palma, Paola, minn din id-data.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-18 ta' Settembru 2003, kontra l-intimat.

Ra r-<u>risposta</u> ta' Angelo Vassallo l-intimat (fol 4 tal-atti) u li biha espona bir-rispett:-

1. Illi, fl-ewwel lok, il-kiri tal-fond 'Tessie' fi Triq il-Palma, Paola jispetta lill-esponent u lil martu Rose Vassallo, u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti kif intavolata biss fil-konfront ta' l-esponent ghandha tigi respinta.
2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, mhijiex attendibbli t-talba tar-rikorrenti biex il-kiri tal-fond ma jigix imgedded f'gheluq l-iskadenza tal-15 ta' Marzu, 2004.
3. Illi, ukoll minghajr pregudizzju mhuwiex minnu li l-esponent ilu zmien ma jabitax aktar fil-fond, kif lanqas huwa minnu li l-esponent illegalment ceda jew issolloka l-fond lil ibnu.

Ra' d-digriet moghti mit-13 ta' Settembru 2004 hawn fuq imsemmi (fol 10 u fol 11 ibid).

Ra l-atti kollha tal-kaz.

Sema' t-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>Francis Grech</u> (fol 14 et seq ibid) wiehed mir-rikorrenti spjega illi l-Sisters Street, hu u l-familja tieghu ghandhom diversi appartamenti u garaxxijiet u fost l-appartamenti,

hemm dak in kwistjoni bl-isem ta’ ‘Tessie’ u hu okkupat mit-tifel tal-intimat wahdu, li hu mizzewwg izda separat, waqt li l-istess post hu mikri lill-intimat. Skond ix-xhud hu jghaddi ta’ sikwit mill-istess triq u bin l-intimat jarah kulljum bil-karozza ta’ dan parkeggata fil-vicin. Inoltre meta kien habbat fuq il-bieb tal-istess appartament il-bieb dejjem kien jinfetah mill-istess tifel. Inoltre hu kien jaf li l-intimat jiddetjeni post iehor b’kera, fix-Xghajra ta’ Haz Zabbar. Dwar dan il-post li ghadu kemm issemma’, hu kien jaf li l-intimat kien rebah kawza li saritlu minhabba ragjunjiiet ta’ sahha.

Ikkunsidrat

Illi r-rikorrenti jipproducew diversi xhieda, in sostenn cjoe’:

a) Paul Busuttil (fol 22 et seq ibid) in konnessjoni ma’ konsum ta’ servizz ta’ telefon fl-istess post kif ukoll in rigward post iehor f’Wied il-Ghajn. In konnessjoni mal-post in kwistjoni registrat fuq Angelo Vassallo, hu esebixxa rendikont tal-konsum u uzu ta’ telefon mill-2002 (fol 28 sa fol 32 ibid) waqt li in rigward il-post l-iehor registrat fuq l-istess persuna bhala residenza, ukoll, hemm rendikont, ukoll, esebit a fol 25 sa fol 27. Dawn iz-zewg servizzi kienu ghadhom funzjonanti u l-kontijiet relattivi kienu qed jithallsu;
b) Pauline Vassallo (fol 22 et seq ibid) spejgat li hi, li ma hiex imparentata ma’ xi hadd mill-partijiet, tirrisjedi fi Triq il-Palma, xi zewg bibien il-boghod mill-post in esami u sostniet li f’dan tal-ahhar tirrisjedi mart l-intimat Rose flimkien mal-intimat li ghandu, ukoll, post villeggjatura aktarx f’Wied il-Ghajn. Din ix-xhud semmiet illi kienet interessata li tmur tirrisjedi fl-appartmant in kwistjoni u dwar dan kienet tkellmet mal-istess Rose Vassallo li, eventwalment ‘… qiesa bdiet tithajjar’ u ‘… tidher li ser, taccetta’ izda is-sidien ma kienux accettaw dak li kienet tipproponi x-xhud. Inoltre, hi kienet taf li l-konjugi Vassallo kellhom it-tifel taghhom jirrisjedi fl-istess post u kienet tarah ‘.. diehel u hiereg’ minnu.
c) Wahda mir-rikorrenti stess Joyce Grech, issottomettiet ‘affidavit’ (fol 36 et seq ibid) u spjegat li f’okkazjoni wahda kienet dahlet, flimkien ma’ ohtha, Mary

Borg, fl-istess post deskritt minnha bhala ‘maisonette’, u go fih ma kienet rat lil hadd hlief ghat-tifel tal-intimat, Mario, li kien ssepara minn martu. Skond hi, dan kien beda jirrisjedi fil-post, minghajr il-kunsens tas-sidien waqt li missieru kien mar jirrisjedi f’Wied il-Ghajn, ‘.. wara li … hareg minn hemm u ma baqghax joqghod fil-post taghna …’.

Inoltre kien gie offert lil Mario Vassallo, ftehim gdid ta’ kera bir-rata ta’ Lm50 fix-xahar izda dan ma jidhirx li kellu xi esitu posittiv. L-istess kompliet tghid illi kienet saret kawza kontra l-intimat odjern minn sid id-dar li l-intimat ghandu f’Wied il-Ghajn, f’liema kawza l-istess intimat kien qal li mar joqghod f’Wied il-Ghajn minhabba sahhtu (ara fol 40, fol 41 u fol 42 ibid). Meta kien mar jirrisjedi f’din il-lokalita, l-imsemmi Mario Vassallo kien ghadu jirrisjedi f’post iehor ma’ martu u ghalhekk l-istess post kien safa’ vojt (ara ukoll l-‘affidavit’ ta’ Mary Borg a fol 38 u fol 39 li, wiehed jista’ jghid, jirrepeti dak li xehdet Joyce Grech).

d) Annabel Camilleri (fol 61 et seq ibid) giet prodotta sabiex tixhed dwar konsum ta’ elettriku w ilma fil-post in kwistjoni u, fl-iehor okkupat mill-intimat f’Wied il-Ghajn u dan fil-perjodu ta’ zmien ghaxar (10) snin qabel ma xehdet fis-26 ta’ Frar 2006. Din ix-xhieda, effetivament, tikkonsisti f’dokumenti annessi a fol 63 sa fol 71 tal-atti. Jigi notat illi mill-istess dokumenti hemm specifikat a fol 63 illi l-intimat Angelo Vassallo hu registrat bhala ‘holder’ in rigward iz-zewg postijiet fejn il-konsum hu deskritt bhala ‘active’ waqt li in rigward dejjem l-istess zewg postijiet, hemm registrati bhala l-persuni li jokkupawhom l-istess persuni kif hemm elenkati a fol 64 u fol 69 kontenenti fl-istess intimat, martu u familjari ohrajn (ara ukoll ix-xhieda ta’ Joseph Caruana u d-dokumenti esebiti minn dan ix-xhud a fol 73 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-intimat permezz ta’ ‘affidavit’ a fol 94 u fol 95 ibid, sostna li z-zewg postijiet kienu ilhom, mikrija minnu ghal perjodu ta’ snin. Il-post f’Wied il-Ghajn kien gie mikri ghall-iskop ta’ villeggatura u ghal ragunijiet ta’ sahha.

Dwar il-post f'Rahal il-Gdid, dan ma kienx gie abbandunat minnu u martu izda '… bdejna nuzaw il-fond f'Wied il-Ghajn pjuttost izjed precizament minhabba sahhti u sahhet il-mara' ghax dan tal-ahhar jinsab quddiem il-bahar u kien ta' gid ghalih illi '.. nghaddi hinjiet twal gewwa' u ghalhekk jirrisjedi f'Wied il-Ghajn. Inoltre ibnu Mario kien issepara legalment u peress li ma kellux post fejn jista jirrisjedi, hu kien gie joqghod maghna fl-istess kamra li kien jokkupa qabel ma kien izzewweg.

L-istess intimat in kontro ezami (fol 102 u fol 103 ibid) spjega illi kien jirrisjedi fil-post in esami ghal madwar sitt xhur fis-sena' bir-rimanenti f'dak ta' Wied il-Ghajn, jew perjodi differenti. Wara li spjega x'kienet il-kondizzjoni medika tieghu, hu kompla billi qal illi eventwalment, hu u martu kienu gew rikoverati fid-dar tal-anzjani fiz-Zejtun. Dwar ibnu Mario Vassallo (ara fol 98 et seq ibid) dan kien issepara minn martu fl-1998 u hawnhekk jidher li beda jirrisjedi fil-post in kwistjoni flimkien ma ommu u missieru (ara ukoll ix-xhieda ta' Dottor Michael Borg u c-certifikat mediku relattiv, a fol 105 u fol 106 ibid).

Ikkunsidrat

Illi mill-provi kif esposti:-

a) Ma irrisultax illi l-post in kwistjoni kien gie, filfatt, abbandunat kif qed jigi allegat mir-rikorrenti. Kull ma irrisulta mill-istess provi hu li l-intimat ghal certu perijodu fis-sena', kellu jirrisjedi f'post iehor minhabba ragjuni ta' sahha u dan sakemm kien kostrett, meta l-kondizzjoni medika tieghu aggravat, illi jmur jirrisjedi flimkien ma' martu f'dar tal-anzjani fiz-Zejtun.

b) Dwar jekk l-intimat cediex jew issolloka l-istess fond lill-ibnu irrizulta li Mario Vassallo kien izzewweg fl-1980 u ssepara minn martu fl-1998. Meta dan kien sehh, hu kien rega' mar lura sabiex jirrisjedi mal-genituri tieghu fil-post in kwistjoni fejn qed ghadu qed jirrisjedi avolja l-genituri tieghu kienu kostretti li jmorru u jigu rikoverati f'dar tal-anzjani. Certament dan, f'nuqqas ta' provi li juru l-oppost, ma jistax jammonta ghal cessjoni jew sullokazzjoni kif hemm indikat fir-rikors promotur.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi fid-dawl u fl-isfond ta’ dak kollu premess, in vista li ma giex pruvat, sufficjentement, dak kollu allegat fir-rikors in esami, il-Bord ma jistax jilqa’ t-talbiet in esami.

Ghal dawn il-motivi, l-Bord jichad it-talbiet in esami waqt li in rigward l-ispejjes, fic-cirkostanzi tal-kaz in esami dawn jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------